L-Akkademja tal-Malti

Taħdem biex iġġib 'il quddiem il-qagħda tal-Malti bħala lsien nazzjonali fl-oqsma kollha tal-ħajja.

## STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA

### GUIDO LANFRANCO (1930- 2021)

L-Akkademja tal-Malti ssellem lil Guido Lanfranco li miet nhar il-festa tal-Vitorja, fit-8 ta' Settembru 2021, fl-għomor ta' 90 sena.

Guido Lanfranco, iben Joseph u Mary Abela, twieled fit-18 ta' Ottubru 1930. Huwa kien riċerkatur, għalliem ta' diversi suġġetti, kollezzjonista u kittieb ta' diversi kotba li jittrattaw l-identità Maltija, fosthom dawk relatati mal-folklor Malti u l-flora u l-fawna fil-Gżejjer Maltin. Għamel snin president ta' diversi għaqdiet, u mexxa diversi xandiriet fuq ir-radju u t-televiżjoni u ta anke taħditiet u korsijiet inkluż fl-Università tat-Terza Età.

Kiteb mijiet ta' artikli u tella' diversi wirjiet. Fl-1968 ingħata Midalja tal-Bronż tal-Mertu mill-Konfederazzjoni tal-Kunsilli Ċiviċi u fl-1996 ingħata l-Midalja għall-Qadi tar-Repubblika (M.Q.R.).

Il-President u l-membri tal-Kunsill jixtiequ jfissru s-sogħba tagħhom lil martu Salvina, lil binhom Sandro u binthom Graziella u jgħaddu l-kondoljanzi lill-qraba u lil ħbiebu wkoll.

10.09.2021

12.App. 1
Dar Doreen Micallef
Triq Sant' Andrija
Il-Belt Valletta VLT 1341

info@akkademja.org

fb.com/akkademjatalmalti

www.akkademjatalmalti.org